

32003R0210

4.2.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 28/33

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 210/2003

tat-3 ta' Frar 2003

li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 2316/1999 li jistipola regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1251/1999 rigward it-twarrib bħala riżultat tal-kondizzjonijiet avversi tat-temp f'ċerti reġjuni tal-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1251/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 li jstabbilixxi sistema ta' appoġġ għall-produtturi ta' ċerti wċuh tar-raba maħrut⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1038/2001⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

- (1) Eliġibbiltà għall-ġhajjnuna taż-żona skond l-iskema ġenerali msemmija fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1251/1999 hi bla ħsara għal obbligazzjoni biex art tiġi mwarrba fil-ġenb.
- (2) Ir-regoli dettaljati ta' l-applikazzjoni fissati mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2316/1999⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 327/2002⁽⁴⁾, jistipolaw li l-perjodu għat-twarrib għandu jibda mhux aktar tard mill-15 ta' Jannar u li l-ebda produzzjoni agrikola ma tkun awtorizzata fuq l-art imwarrba.
- (3) B'riżultat ta' kondizzjonijiet avversi tat-temp il-produtturi f'reġjuni varji ta' xi Stati Membri ma jistgħux jaħsdu nottament patata, qamhurrun u z-zokkor tagħhom u pitravi tal-ġhalf qabel il-15 ta' Jannar 2003, fuq artijiet li se jkunu mwarrba fis-snin 2003/2004 tal-marketing. Taħt iċ-ċirkostanzi, u bħala miżura eċċezzjonali, fejn il-bdiewa jitolbu hekk huma għandhom jiġu awtorizzati biex jaħsdu l-uċuh tar-raba tagħhom mhux aktar tard mit-28 ta' Frar 2003 mingħajr ma' dan jolqot ir-

rikonoxximent ta' l-artijiet li qed jiġu mitħaddta bħala mwarrba għal kollox, iżda l-kondizzjonijiet applikabbli jridu jkunu mħarsa.

- (4) Il-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' ġestjoni għaċ-ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Meta produttur, ma' l-applikazzjoni lill-awtorità lokali kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati, jista' jipprova li:

- l-ħsad ma setax iseħħ qabel il-15 ta' Jannar 2003 minħabba kondizzjonijiet avversi tat-temp jew ħruġ imdewwem,
- l-ħasda ġiet magħmulha mhux aktar tard mit-28 ta' Frar 2003,
- il-kondizzjonijiet l-oħra kollha li japplikaw biex tiġi mwarrba l-art ġew imħarsa,

l-artijiet li qed jiġu mitħaddta għandhom jiġu konsidrati, minkejja l-Artikolu 19(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 2316/1999, kif imwarrbin kompletament għas-snin 2003/04 ta' marketing.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jgħodd mil-15 ta' Jannar 2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-3 ta' Frar 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 145, tal-31.5.2001, p. 16.

⁽³⁾ ĠU L 280, tat-30.10.1999, p. 43.

⁽⁴⁾ ĠU L 51, tat-22.2.2002, p. 14.